

TRATTAT

LI JISTABBILIXXI L-MEKKANIŻMU EWROPEW TA' STABBILTÀ  
BEJN IR-RENJU TAL-BELĠJU, IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA, L-IRLANDA, IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,  
IR-RENJU TA' SPANJA, IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA, IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA  
IR-REPUBBLIKA TALJANA, IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA  
IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU, MALTA,  
IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI, IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,  
IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,  
IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA U R-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, u r-Repubblika tal-Finlandja, ("l-Istati Membri taż-żona tal-euro" jew "il-Membri fil-MES");

IMPENJATI biex jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro;

FID-DAWL tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati nhar il-25 ta' Marzu 2011 dwar l-istabiliment ta' mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà;

## BILLI:

- (1) Fis-17 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jstabbilixxu mekkaniżmu permanenti ta' stabbiltà. Dan il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("MES") ser jassumi l-kompiti li bħalissa huma mwettqa mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja ("FESF") u mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ("MESF") fl-għoti, fejn ikun meħtieġ, ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro.
- (2) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni 2011/199/UE li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' stabbiltà għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro li żiedet il-paragrafu li ġej fl-Artikolu 136: "L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jstabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà li jiġi attivat jekk ikun indispensabbli biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà taż-żona tal-euro komplessivament. L-għoti ta' kwalunkwe assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-mekkaniżmu għandu jkun soġġett għal kondizzjonalità stretta".
- (3) Sabiex tiżdied l-effikaċja tal-assistenza finanzjarja u sabiex ikun impedit ir-riskju ta' kontaġġu finanzjarju, il-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ftiehem fil-21 ta' Lulju 2011 li 'tiżdied il-flessibbiltà [tal-MES] b'rabta ma' kondizzjonalità adegwata'.

---

<sup>1</sup> ĠU L 91, 6.4.2011, p. 1.

- (4) L-osservanza stretta tal-qafas tal-Unjoni Ewropea, is-sorveljanza makroekonomika integrata, b'mod partikolari l-Patt ta' Tkabbir u Stabbiltà, il-qafas tal-iżbilanċi makroekonomiċi u r-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar il-governanza ekonomika, għandhom jibqgħu l-ewwel linja ta' difiża kontra l-kriżijiet ta' fiduċja li jolqtu l-istabbiltà taż-żona tal-euro.
- (5) Fid-9 ta' Diċembru 2011 il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ftehm li jimxu lejn unjoni ekonomika aktar b'saħħha inklużi patt fiskali ġdid u koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika li jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, it-Trattat dwar Stabbiltà, Koordinazzjoni u Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja ("TSKG"). It-TSKG ser jgħin fl-iżvilupp ta' koordinazzjoni iktar mill-qrib fiż-żona tal-euro bil-ħsieb li tkun żgurata amministrazzjoni dejjiema, soda u robusta tal-finanzi pubbliċi u b'hekk tindirizza wieħed mis-sorsi ewlenin tal-instabbiltà finanzjarja. Dan it-Trattat u t-TSKG huma komplementari fit-trawwim ta' responsabbiltà fiskali u solidarità fl-unjoni ekonomika u monetarja. Huwa rikonoxxut u hemm qbil li l-għoti ta' assistenza finanzjarja fil-qafas ta' programmi ġodda taħt il-MES ser ikun kondizzjonali, mill-1 ta' Marzu 2013, mir-ratifika tat-TSKG mill-Membri ikkonċernat fil-MES u, mal-iskadenza tal-perijodu ta' traspożizzjoni msemmi fl-Artikolu 3(2) tat-TSKG, mill-konformità mar-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.

- (6) B'kont meħud tal-interrelazzjoni qawwija fi ħdan iż-żona tal-euro, ir-riskji kbar għall-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu joħolqu riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament. Il-MES jista' għalhekk jipprovdi sostenn għall-istabbiltà abbażi ta' kondizzjonalità stretta, adegwata għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul jekk hekk ikun indispensabbli għall-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament u tal-Istati Membri tagħha. Il-volum inizjali massimu tal-għoti ta' self tal-MES huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 500 000 miljun, inkluż is-sostenn għall-istabbiltà li għadu pendenti tal-FESF. L-adegwatezza tal-volum massimu konsolidat għal self tal-MES u l-FESF sejra, madankollu, tiġi rivalutata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat. Jekk ikun xieraq, dan ser jiżdied mill-Bord tal-Gvernaturi tal-MES, taħt l-Artikolu 10, mad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat.
- (7) L-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro ser isiru Membri fil-MES. Bħala konsegwenza tal-adeżjoni fiż-żona tal-euro, Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandu jsir Membru fil-MES bi drittijiet u obbligi sħaħ, fuq l-istess linji ta' dawk tal-Partijiet Kontraenti.
- (8) Il-MES ser jikkoopera mill-qrib ħafna mal-Fond Monetanju Internazzjonali ("FMI") fl-għoti ta' sostenn għall-istabbiltà. Ser tintalab il-parteċipazzjoni attiva tal-FMI, kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak finanzjarju. Stat Membru taż-żona tal-euro li jitlob assistenza finanzjarja mill-MES hu mistenni, kull fejn possibbli, li jindirizza talba simili lill-FMI.

- (9) L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (“Stati Membri mhux taż-żona tal-euro”) li jieħdu sehem fuq bażi ad hoc flimkien mal-MES f’operazzjoni ta’ sostenn għall-istabbiltà għal Stati Membri taż-żona tal-euro ser jiġu mistiedna jieħdu sehem, bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-MES meta jiġu diskussi dan is-sostenn għall-istabbiltà u l-monitoraġġ tiegħu. Dawn ikollhom aċċess għall-informazzjoni kollha f’waqtha u jiġu kkonsultati kif xieraq.
- (10) Fl-20 ta’ Ġunju 2011, ir-rappreżentati tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea awtorizzaw lill-Partijiet Kontraenti għal dan it-Trattat jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Bank Ċentrali Ewropew (“BĊE”) sabiex iwettqu l-kompiti previsti f’dan it-Trattat.
- (11) Fid-dikjarazzjoni tiegħu tat-28 ta’ Novembru 2010, il-Grupp tal-Euro ddikjara li ser jiġu inklużi Klawżoli ta’ Azzjoni Kollettiva (“KAK”) standardizzati u identiċi, b’tali mod li tiġi ppreservata l-likwidità tas-suq, bil-pattijiet u kondizzjonijiet ta’ *bonds* governattivi ġodda taż-żona tal-euro. Kif ġie mitlub mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta’ Marzu 2011, l-arranġamenti legali dettaljati għall-inklużjoni ta’ KAK f’titoli governattivi taż-żona tal-euro ġew finalizzati mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.
- (12) B’mod konformi mal-prattika tal-FMI, f’każijiet eċċezjonali għandha tkun ikkunsidrata forma adegwata u proporzjonata ta’ involviment tas-settur privat f’każijiet fejn jiġi pprovdut sostenn għall-istabbiltà akkumpanjat minn kondizzjonalità fil-forma ta’ programm ta’ aġġustament makroekonomiku.

- (13) Bħall-FMI, il-MES ser jipprovdi sostenn għall-istabbiltà lil Membru fil-MES meta jixxekkillu l-aċċess regolari għall-finanzjament mis-swieq jew meta dan ikun f'riskju li jiġi mxekkel. B'riflessjoni ta' dan, Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddikjaraw li lis-self mill-MES ser ikun attribwit status ta' kreditur preferut, b'mod simili għal dak mill-FMI, filwaqt li jkun aċċettat l-istatus ta' kreditur preferut tal-FMI bi prevalenza fuq il-MES. Dan l-istatus ser ikun effettiv mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat . Fil-każ ta' assistenza finanzjarja mill-MES fil-forma ta' self mill-MES konsegwentement għal programm Ewropew ta' assistenza finanzjarja li jkun eżistenti fiż-żmien tal-iffirmar ta' dan it-Trattat, il-MES ser jgawdi l-istess grad ta' superjorità bħas-self u l-obbligi l-oħrajn kollha tal Membru benefiċjarju fil-MES, ħlief għas-self mill-IFM.
- (14) L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jappoġġaw l-istatus ta' kreditur ekwivalenti tal-MES u dak ta' Stati oħra li jsellfu bilateralment f'koordinazzjoni mal-MES.
- (15) Il-kondizzjonijiet ta' self mill-MES għal Stati Membri soġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 40 ta' dan it-Trattat, għandhom ikopru l-ispejjeż ta' finanzjament u l-ispejjeż operattivi tal-MES u għandhom ikunu konsistenti mal-kondizzjonijiet ta' self tal-Ftehimiet dwar Faċilità ta' Assistenza Finanzjarja ffirmati bejn il-FESF, l-Irlanda u l-Bank Ċentrali tal-Irlanda, minn naħa waħda, u l-FESF, ir-Repubblika Portugiża u l-Banco de Portugal, min-naħa l-oħra.

- (16) Id-disputi dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat li jqumu bejn il-Partijiet Kontraenti jew bejn il-Partijiet Kontraenti u l-MES għandhom jitressqu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizza tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 273 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").
- (17) Is-sorveljanza sussegwenti għall-programm ser issir mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-qafas stabbilit fl-Artikoli 121 u 136 tat-TFUE,

FTIEHMU KIF ĠEJ:



## KAPITOLU 1

### SĦUBIJA U GĦAN

#### ARTIKOLU 1

##### Stabiliment u membri

1. B'dan it-Trattat, il-Partijiet Kontraenti jistabilixxu bejniethom istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, li għandha tissejjaħ il-“Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà” (“MES”).
2. Il-Partijiet Kontraenti huma membri fil-MES.

#### ARTIKOLU 2

##### Membri ġodda

1. Is-sħubija fil-MES għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea meħuda skont l-Artikolu 140(2) tat-TFUE sabiex itemm id-deroga tagħhom milli jadottaw l-euro.

2. Il-Membri ġodda tal-MES għandhom jiddaħħlu bl-istess pattijiet u kondizzjonijiet tal-Membri eżistenti fil-MES, b'konformità mal-Artikolu 44.

3. Membru ġdid li jidħol fil-MES wara li dan jiġi stabbilit għandu jirċievi ishma fil-MES bi skambju għall-kontribuzzjoni kapitali tiegħu, kalkulata skont il-kjavi ta' kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 11.

### ARTIKOLU 3

#### Għan

L-għan tal-MES huwa l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament u l-għoti ta' sostenn għall-istabbiltà taħt kondizzjonalità stretta, adegwata għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul, għall-benefiċċju tal-Membri fil-MES li jkunu għaddejjin, jew jinsabu mhedda, minn problemi serji ta' finanzjament jekk dan ikun indispensabbli għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament u tal-Istati Membri tagħha. Għal dan il-għan, il-MES għandu jkun intitolat jiġġenera fondi billi joħroġ strumenti finanzjarji jew billi jidħol fi ftehimiet jew arranġamenti finanzjarji jew ta' xort' oħra ma' Membri fil-MES, istituzzjonijiet finanzjarji jew partijiet terzi oħra.

## KAPITOLU 2

### GOVERNANZA

#### ARTIKOLU 4

##### Struttura u regoli tal-votazzjoni

1. Il-MES għandu jkollu Bord tal-Gvernaturi u Bord tad-Diretturi, kif ukoll Direttur Maniġerjali u persunal tiegħu stess ieħor li jitqies li jkun meħtieġ.
2. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi u tal-Bord tad-Diretturi għandhom jittieħdu bi qbil reċiproku, b'maġġoranza kwalifikata jew b'maġġoranza sempliċi kif speċifikat f'dan it-Trattat. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet kollha, għandu jkun hemm kworum ta' 2/3 mill-membri li jkollhom dritt tal-vot u li jirrappreżentaw mill-inqas 2/3 tad-drittijiet tal-vot.
3. L-adozzjoni ta' deċiżjoni bi qbil reċiproku teħtieġ l-unanimità tal-membri li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-vot. L-astensjonijiet ma jżommux milli deċiżjoni tiġi adottata bi qbil reċiproku.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, għandha tintuża proċedura ta' votazzjoni ta' emerġenza f'każijiet fejn kemm il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-BĊE jikkonkludu li nuqqas li urġentement tiġi adottata deċiżjoni ta' għoti jew implimentazzjoni ta' assistenza finanzjarja, kif definit fl-Artikoli 13 sa 18, jipperikola s-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro. L-adozzjoni ta' deċiżjoni bi qbil reċiproku mill-Bord tal-Gvernaturi msemmi fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 5(6) u l-Bord tad-Diretturi taħt dik il-proċedura ta' emerġenza teħtieġ maġġoranza kwalifikata ta' 85 % tal-voti mitfugħin.

Fejn tintuża l-proċedura ta' emerġenza msemmija fl-ewwel subparagrafu, isir trasferiment mill-fond ta' riżerva u/jew mill-kapital imħallas lil fond ta' riżerva ta' emerġenza sabiex jiġi kostitwit ilqugħ iddedikat sabiex ikopri r-riskji li jirriżultaw mis-sostenn finanzjarju mogħti taħt dik il-proċedura ta' emerġenza. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jikkanċella l-fond ta' riżerva ta' emerġenza u jittrasferixxi l-kontenut tiegħu lura fil-fond ta' riżerva u/jew fil-kapital imħallas.

5. L-adozzjoni ta' deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata teħtieġ 80 % tal-voti mitfugħa.

6. L-adozzjoni ta' deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi teħtieġ maġġoranza tal-voti mitfugħa.

7. Id-drittijiet tal-vot ta' kull Membru fil-MES, kif eżerċitati mid-delegat jew mir-rappreżentant ta' dan tal-aħħar fil-Bord tal-Gvernaturi jew fil-Bord tad-Diretturi, għandhom ikunu daqs l-għadd ta' ishma allokat lilu fl-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES kif stabbilit fl-Anness II.

8. Fil-każ li xi Membru fil-MES jonqos milli jħallas xi parti mill-ammont dovut fir-rigward tal-obbligi tiegħu b'rabta ma' ishma mixtrija jew ma' eżerċitar tal-kapital taħt l-Artikoli 8, 9 u 10, jew b'rabta mar-rimborż tal-assistenza finanzjarja taħt l-Artikolu 16 jew 17, dan il-Membru fil-MES ma jistax, sakemm iddum din l-inadempjenza, jeżerċita kwalunkwe wieħed mid-drittijiet tal-vot tiegħu. Il-livelli ta' limitu tal-vot għandhom jiġu kalkulati mill-ġdid kif ikun il-każ.

## ARTIKOLU 5

### Il-Bord tal-Gvernaturi

1. Kull Membru fil-MES għandu jaħtar Gvernatur u sostitut Gvernatur. Dawn il-ħatriet huma revokabbli f'kull waqt. Il-Gvernatur għandu jkun membru tal-gvern ta' dak il-Membru fil-MES li jkun responsabbli għall-finanzi. Is-sostitut Gvernatur għandu jkollu setgħa sħiħa sabiex jaġixxi fisem il-Gvernatur meta dan tal-aħħar ma jkunx preżenti.
2. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi li jew ikun presedut mill-President tal-Grupp tal-Euro, kif previst fil-Protokoll (Nru 14) dwar il-Grupp tal-Euro anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, jew li jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu għal żmien sentejn. Il-President u l-Viċi President jistgħu jiġu rieletti. Għandha tiġi organizzata elezzjoni ġdida minnufih jekk min ikun qiegħed jokkupa l-kariga ma jkollux aktar il-funzjoni meħtieġa biex jinħatar Gvernatur.

3. Il-Membru tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-affarijiet ekonomiċi u monetarji u l-President tal-BĊE, kif ukoll il-President tal-Grupp tal-Euro (jekk ma jkunx il-President jew Gvernatur), jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi bħala osservaturi.
4. Ir-rappreżentanti ta' Stati Membri mhux taż-żona tal-euro li jieħdu sehem fuq bażi *ad hoc* flimkien mal-MES f'operazzjoni ta' sostenn għall-istabbiltà għal Stat Membru taż-żona tal-euro għandhom ukoll jiġu mistiedna jieħdu sehem, bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi meta jkunu diskussi dan is-sostenn għall-istabbiltà u l-monitoraġġ tiegħu.
5. Persuni oħra, inklużi rappreżentanti ta' istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet, bħall-FMI, jistgħu jiġu mistiedna mill-Bord tal-Gvernaturi sabiex jattendu għal laqgħat bħala osservaturi fuq bażi *ad hoc*.
6. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu dawn id-deċiżjonijiet li ġejjin bi qbil reċiproku:
  - (a) li jikkanċella l-fond ta' riżerva ta' emerġenza u jittrasferixxi l-kontenut tiegħu lura fil-fond ta' riżerva u/jew fil-kapital imħallas, skont l-Artikolu 4(4);
  - (b) li joħroġ ishma ġodda taħt pattijiet differenti minn dawk ta' parità, skont l-Artikolu 8(2);
  - (c) li jeżerċita l-kapital, skont l-Artikolu 9(1);

- (d) li jbidde l-istokk ta' kapital awtorizzat u jadatta l-volum massimu tal-għoti ta' self mill-MES, skont l-Artikolu 10(1);
- (e) li jikkunsidra l-possibilita ta' aggnament tal-kjavi għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE, skont l-Artikolu 11(3), u tal-bidliet li għandhom isiru fl-Anness I skont l-Artikolu 11(6);
- (f) li jipprovdi sostenn għall-istabbiltà mill-MES, inkluża l-kondizzjonalità ta' politika ekonomika kif stabbilit fil-memorandum ta' qbil imsemmi fl-Artikolu 13(3), u jistabbilixxi l-għażla ta' strumenti u l-pattijiet finanzjarji u l-kondizzjonijiet, skont l-Artikoli 12 sa 18;
- (g) li jagħti mandat lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tinnegozja, f'koordinazzjoni mal-BĊE, il-kondizzjonalità ta' politika ekonomika marbuta ma' kull assistenza finanzjarja, skont l-Artikolu 13(3);
- (h) li jbidde l-politika tal-ipprezzar u l-linja gwida tal-ipprezzar għall-assistenza finanzjarja, skont l-Artikolu 20;
- (i) li jbidde l-lista tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja li jistgħu jintużaw mill-MES, skont l-Artikolu 19;

- (j) li jistabilixxi l-modalitajiet għat-trasferiment tas-sostenn mill-FESF lill-MES, skont l-Artikolu 40;
  - (k) li japprova l-applikazzjoni għas-sħubija fil-MES minn membri ġodda, imsemmija fl-Artikolu 44;
  - (l) li jagħmel adattamenti lil dan it-Trattat bħala konsegwenza diretta tal-adeżjoni ta' membri ġodda, inklużi bidliet li għandhom isiru għad-distribuzzjoni tal-kapital fost Membri fil-MES u l-kalkolu ta' tali distribuzzjoni bħala konsegwenza diretta tal-adeżjoni ta' membru ġdid mal-MES, skont l-Artikolu 44; u
  - (m) li jiddelega lill-Bord tad-Diretturi l-kompiti elenkati f' dan l-Artikolu.
7. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu d-deċiżjonijiet li ġejjin b'maġġoranza kwalifikata:
- (a) li jistabilixxi l-kondizzjonijiet tekniċi dettaljati għall-adeżjoni ta' membru ġdid mal-MES, skont l-Artikolu 44;
  - (b) jekk ikunx presedut mill-President tal-Grupp tal-Euro jew jeleġġix, b'maġġoranza kwalifikata, il-President u l-Viċi President tal-Bord tal-Gvernaturi, skont il-paragrafu 2;



- (c) li jistabbilixxi regolamenti tal-MES u r-regoli tal-proċedura li japplikaw għall-Bord tal-Gvernaturi u l-Bord tad-Diretturi (inkluż id-dritt ta' stabbiliment ta' kumitati u korpi sussidjarji), skont il-paragrafu 9;
- (d) li jiddetermina l-lista ta' attivitajiet inkompatibbli mad-dmirijiet ta' Direttur jew ta' sostitut Direttur, skont l-Artikolu 6(8);
- (e) li jaħtar u jtemm il-mandat tad-Direttur Maniġerjali, skont l-Artikolu 7;
- (f) li jistabbilixxi fondi oħra, skont l-Artikolu 24;
- (g) dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu għall-irkupru ta' dejn minn Membru fil-MES, skont l-Artikolu 25(2) u (3);
- (h) li japprova l-kontijiet annwali tal-MES, skont l-Artikolu 27(1);
- (i) li jaħtar il-membri tal-Bord ta' Verifika, skont l-Artikolu 30(1);
- (j) li japprova lill-awdituri esterni, skont l-Artikolu 29;
- (k) li jirrinunzja l-immunità tal-President tal-Bord tal-Gvernaturi, ta' Gvernatur, ta' sostitut Gvernatur, ta' Direttur, ta' sostitut Direttur jew tad-Direttur Maniġerjali, skont l-Artikolu 35(2);

- (l) li jiddetermina r-reġim ta' tassazzjoni applikabbli għall-persunal tal-MES, skont l-Artikolu 36(5);
  - (m) dwar xi disputa, skont l-Artikolu 37(2); u
  - (n) kull deċiżjoni meħtieġa oħra mhux prevista espliċitament f'dan it-Trattat.
8. Il-President għandu jlaqqa' u jipprevedi l-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi. Il-Viċi President għandu jipprevedi dawn il-laqgħat meta l-President ma jkunx jista' jieħu sehem.
9. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu u r-regolamenti tal-MES.

## ARTIKOLU 6

### Il-Bord tad-Diretturi

1. Kull Gvernatur għandu jaħtar Direttur wieħed u sostitut Direttur wieħed minn fost persuni ta' kompetenza għolja f'materji ekonomiċi u finanzjarji. Dawn il-ħatriet huma revokabbli f'kull waqt. Is-sostituti Diretturi għandhom ikollhom kull setgħa li jaġixxu f'isem id-Direttur meta dan tal-aħħar ma jkunx preżenti.

2. Il-Membri tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-affarijiet ekonomiċi u monetarji u l-President tal-BĊE jistgħu jaħtru osservatur kull wieħed.
3. Ir-rappreżentanti ta' Stati Membri mhux taż-żona tal-euro li jieħdu sehem fuq bażi *ad hoc* flimkien mal-MES f'operazzjoni ta' assistenza finanzjarja għal Stat Membru taż-żona tal-euro għandhom ukoll jiġu mistiedna jieħdu sehem, bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi meta tkun ser tiġi diskussa din l-assistenza finanzjarja u l-monitoraġġ tagħha.
4. Persuni oħra, inklużi rappreżentanti ta' istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet, jistgħu jiġu mistiedna mill-Bord tal-Gvernaturi sabiex jattendu laqgħat bħala osservaturi fuq bażi *ad hoc*.
5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jieħu deċiżjonijiet b'maġġoranza kwalifikata, sakemm ma jiġix stipulat diversament f'dan it-Trattat. Id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu abbażi ta' setgħat delegati mill-Bord tal-Gvernaturi għandhom jiġu adottati skont ir-regoli rilevanti tal-votazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 5(6) u (7).
6. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bord tal-Gvernaturi kif stabbilit fl-Artikolu 5, il-Bord tad-Diretturi għandu jiżgura li l-MES ikun immexxi skont dan it-Trattat u r-regolamenti tal-MES adottati mill-Bord tal-Gvernaturi. Għandu jieħu deċiżjonijiet kif previst f'dan it-Trattat jew li jiġu delegati lil mill-Bord tal-Gvernaturi.

7. Kull post vakanti fil-Bord tad-Diretturi għandu jimtela minnufih skont il-paragrafu 1.
8. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabbilixxi liema attivitajiet huma inkompatibbli madmirijiet ta' Direttur jew ta' sostitut Direttur, mar-regolamenti tal-MES u mar-regoli ta' proċedura tal-Bord tad-Diretturi.

## ARTIKOLU 7

### Id-Direttur Maniġerjali

1. Id-Direttur Maniġerjali għandu jinħatar mill-Bord tal-Gvernaturi minn fost kandidati li jkollhom in-nazzjonalità ta' Membru fil-MES, esperjenza internazzjonali rilevanti u livell għoli ta' kompetenza f' materji ekonomiċi u finanzjarji. Waqt li jkun fil-kariga, id-Direttur Maniġerjali ma jistax ikun Gvernatur jew Direttur jew sostitut ta' xi wieħed minnhom.
2. Il-mandat tad-Direttur Maniġerjali għandu jkun ta' ħames snin. Huwa jista' jinħatar mill-ġdid għal darba biss. Id-Direttur Maniġerjali għandu, madankollu, jieqaf mill-kariga tiegħu meta l-Bord tal-Gvernaturi hekk jiddeċiedi.

3. Id-Direttur Maniġerjali għandu jipprevedi l-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi u għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi.
4. Id-Direttur Maniġerjali għandu jkun il-kap tal-persunal tal-MES. Huwa għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni, ħatra u tkeċċija tal-persunal skont ir-regoli dwar il-persunal li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.
5. Id-Direttur Maniġerjali għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-MES u għandu jmexxi, taħt id-direzzjoni tal-Bord tad-Diretturi, l-attivitajiet attwali tal-MES.

### KAPITOLU 3

#### KAPITAL

#### ARTIKOLU 8

##### Stokk ta' kapital awtorizzat

1. L-istokk ta' kapital awtorizzat għandu jkun ta' EUR 708 493.7 miljun. Għandu jinqasam f' seba' miljun erbgħa u tmenin elf disa' mija u sebgħa u tletin sehem, kull wieħed b'valur nominali ta' EUR 100 000, li għandhom ikunu disponibbli għas-sottoskrizzjoni skont il-kjavi ta' kontribuzzjoni inizjali prevista fl-Artikolu 11 u kalkulata fl-Anness I.

2. L-istokk ta' kapital awtorizzat għandu jinqasam f'ishma mixtrija u f'ishma li jistgħu jiġu rikjamati. Il-valur nominali aggregat totali inzjali tal-ishma mixtrija għandu jkun ta' EUR 80 970.7 miljun. L-ishma ta' kapital awtorizzat sottoskritti inizjalment għandhom jinħarġu b'parità. Ishma oħra għandhom jinħarġu b'parità, sakemm il-Bord tal-Gvernaturi ma jiddeċidix li joħroġhom f'ċirkustanzi speċjali taħt pattijiet oħra.
  
3. L-ishma fl-istokk ta' kapital awtorizzat ma għandhomx ikunu assoġġettati għal xi debitu jew mirhuna bi kwalunkwe mod u ma għandhomx ikunu trasferibbli, għajr għal trasferimenti għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-aġġustamenti tal-kjavi ta' kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 11 sa fejn ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tal-ishma tkun tikkorrispondi għall-kjavi aġġustata.
  
4. Il-Membri fil-MES b'dan jimpenjaw irwieħhom irrevokabbilment u inkondizzjonalment li jipprovdu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-istokk ta' kapital awtorizzat, skont il-kjavi ta' kontribuzzjoni fl-Anness I. Huma għandhom jikkonformaw mal-eżerċizzji kollha dwar il-kapital b'mod f'waqtu skont il-pattijiet stipulati f'dan it-Trattat.

5. Ir-responsabbiltà ta' kull Membru fil-MES għandha tkun limitata, fiċ-ċirkostanzi kollha, għall-porzjon tiegħu tal-istokk ta' kapital awtorizzat mal-prezz tal-ħruġ tiegħu. L-ebda Membru fil-MES ma għandu jkun responsabbli, minħabba s-sħubija tiegħu, għall-obbligi tal-MES. L-obbligi tal-Membri fil-MES li jikkontribwixxu għall-istokk ta' kapital awtorizzat skont dan it-Trattat ma jintlaqtux jekk kwalunkwe tali Membru fil-MES isir eliġibbli għal, jew ikun qed jirċievi, assistenza finanzjarja mill-MES.

## ARTIKOLU 9

### Eżerċitar tal-kapital

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jeżerċità kapital awtorizzat mhux imħallas f'kull waqt u jistipula perijodu adegwat ta' żmien għall-ħlas tiegħu mill-Membri fil-MES.
2. Il-Bord tad-Diretturi jista' jeżerċità kapital awtorizzat mhux imħallas b'deċiżjoni ta' maġġoranza sempliċi biex jirristawra l-livell ta' kapital imħallas jekk l-ammont ta' dan tal-aħħar jitnaqqas bl-assorbiment tat-telf taħt il-livell stabbilit fl-Artikolu 8(2), skont kif jista' jiġi emendat mill-Bord tal-Gvernaturi b'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 10, u jistabbilixxi perijodu xieraq ta' żmien għall-ħlas tiegħu mill-Membri fil-MES.

3. Id-Direttur Maniġerjali għandu jeżerċità kapital awtorizzat mhux imħallas b' mod f' waqtu jekk dan ikun meħtieġ biex jevita li l-MES ikun inadempjenti fir-rigward ta' xi obbligu skedat jew obbligu ta' ħlas ieħor dovut lill-kredituri tal-MES. Id-Direttur Maniġerjali għandu jinforma lill-Bord tad-Diretturi u lill-Bord tal-Gvernaturi b' kull sejħa b'hal din. Meta tiġi identifikata defiċenża potenzjali fil-fondi tal-MES, id-Direttur Maniġerjali għandu jagħmel tali eżerċitar kapitali minnufih biex jiġi żgurat li l-MES ikollu fondi suffiċjenti biex jagħmel kompletament il-ħlasijiet dovuti lill-kredituri fid-data meta jiskadu. Il-Membri fil-MES b' dan, irrevokabilment u inkondizzjonalment, jimpenjaw irwieħhom li jħallsu kull eżerċizzju fuq kapital malli jintalbu jagħmlu dan mid-Direttur Maniġerjali taħt dan il-paragrafu, u dik it-talba għandha titħallas fi żmien sebat ijiem minn meta tiġi riċevuta.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-pattijiet u kondizzjonijiet dettaljati li għandhom japplikaw għall-eżerċizzji fuq kapital konformement ma' dan l-Artikolu.

## ARTIKOLU 10

### Bidliet fl-istokk ta' kapital awtorizzat

1. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jirriveđi regolarment u mill-inqas kull ħames snin il-volum massimu tal-għoti ta' self u l-adegwatezza tal-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES. Jista' jiddeċiedi li jbidli l-istokk ta' kapital awtorizzat u jemenda l-Artikolu 8 u l-Anness II skont il-każ. Tali deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Membri fil-MES ikunu nnotifikaw lid-Depożitarju bit-tlestija tal-proċeduri nazzjonali applikabbli tagħhom. L-ishma l-ġodda għandhom jiġu allokati lill-Membri fil-MES skont il-kjavi ta' kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 11 u fl-Anness I.



2. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-pattijiet u kondizzjonijiet dettaljati li għandhom japplikaw għall-bidliet kapitali kollha jew uħud minnhom li jkunu saru taħt il-paragrafu 1.

3. Malli Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jsir Membru ġdid fil-MES, l-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES għandu jidied awtomatikament billi jiġu multiplikati l-ammonti rispettivi li jkunu prevalenti f'dak iż-żmien bil-proporzjon, fil-limiti tal-kjavi ta' kontribuzzjoni aġġustata prevista fl-Artikolu 11, bejn il-peżatura tal-Membru l-ġdid fil-MES u l-peżatura tal-Membri eżistenti fil-MES.

## ARTIKOLU 11

### Il-kjavi ta' kontribuzzjoni

1. Il-kjavi ta' kontribuzzjoni għas-sottoskrizzjoni għall-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES għandha, bla ħsara għall-paragrafi 2 u 3, tkun ibbażata fuq il-kjavi għas-sottoskrizzjoni, mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Membri fil-MES, fil-kapital tal-BĊE skont l-Artikolu 29 tal-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-“Istatuti tas-SEBĊ”) anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE.

2. Il-kjavi ta' kontribuzzjoni għas-sottoskrizzjoni tal-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES hija speċifikata fl-Anness I.

3. Il-kjavi tal-kontribuzzjoni għas-sottokrizzjoni tal-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES għandha tiġi aġġustata meta:

- a) Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jsir Membru ġdid fil-MES u l-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES jiżdied awtomatikament, kif speċifikat fl-Artikolu 10(3); jew
- b) tintemm il-korrezzjoni temporanja ta' tnax-il sena applikabbli għal Membru fil-MES stabbilita skont l-Artikolu 42.

4. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jikkunsidra l-aġġornamenti possibbli fil-kjavi għas-sottokrizzjoni tal-kapital tal-BĊE msemmija fil-paragrafu 1 meta l-kjavi tal-kontribuzzjoni tiġi aġġustata skont il-paragrafu 3 jew meta jkun hemm bidla fl-istokk ta' kapital awtorizzat, kif speċifikat fl-Artikolu 10(1).

5. Meta l-kjavi ta' kontribuzzjoni għas-sottokrizzjoni tal-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES tiġi aġġustata, il-Membri fil-MES għandhom jittrasferixxu bejniethom stokk ta' kapital awtorizzat safejn ikun suffiċjenti biex jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-istokk ta' kapital awtorizzat tkun tikkorrispondi għall-kjavi aġġustata.

6. L-Anness I għandu jiġi emendat b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi malli jsir kwalunkwe aġġustament imsemmi f'dan l-Artikolu.

7. Il-Bord tad-Diretturi għandu jieħu l-miżuri l-oħra kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

## KAPITOLU 4

### OPERAZZJONIJIET

#### ARTIKOLU 12

##### Prinċipji

1. Jekk ikun indispensabbli għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament u tal-Istati Membri tagħha, il-MES jista' jipprovdi sostenn għall-istabbiltà lil Membru fil-MES soġġett għal kondizzjonalità stretta, adegwata għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul. Tali kondizzjonalità tista' tvarja minn programm ta' aġġustament makroekonomiku sal-osservanza kontinwa ta' kondizzjonijiet prestabbiliti ta' eliġibbiltà.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, is-sostenn għall-istabbiltà mill-MES jista' jingħata permezz tal-istrumenti previsti fl-Artikoli 14 sa 18.
3. Għandhom jiġu inklużi, mill-1 ta' Jannar 2013, klawżoli dwar azzjoni kollettiva fit-titoli tal-gvern ġodda kollha taż-żona tal-euro, li jkollhom maturità itwal minn sena, b'mod li jiżgura li l-impatt legali tagħhom ikun identiku.

## ARTIKOLU 13

### Proċedura għall-għoti ta' sostenn għall-istabbiltà

1. Membru fil-MES jista' jindirizza talba għal sostenn għall-istabbiltà lill-President tal-Bord tal-Gvernaturi. Tali talba għandha tindika l-istrument jew strumenti ta' assistenza finanzjarja li għandhom jiġu kkunsidrati. Meta jirċievi tali talba, il-President tal-Bord tal-Gvernaturi għandu jinkariga lill-Kummissjoni Ewropea, f'koordinazzjoni mal-BĊE, bil-kompiti li ġejjin:

- (a) l-istima tal-eżistenza ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament jew tal-Istati Membri tagħha, sakemm il-BĊE ma jkunx diġà preżenta analiżi taħt l-Artikolu 18;
- (b) l-istima jekk id-dejn pubbliku huwiex sostenibbli. Fejn xieraq u possibbli, tali stima hija mistennija li ssir flimkien mal-FMI;
- (c) l-istima tal-ħtiġijiet attwali jew potenzjali ta' finanzjament tal-Membru konċernat fil-MES.

2. Abbażi tat-talba mill-Membru fil-MES u l-istima msemmija fil-paragrafu 1, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti, fil-prinċipju, sostenn għall-istabbiltà lill-Membru konċernat fil-MES fil-forma ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja.

3. Jekk tiġi adottata deċiżjoni skont il-paragrafu 2, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiinkariga lill-Kummissjoni Ewropea – f'koordinazzjoni mal-BĊE u, kull fejn possibbli, flimkien mal-FMI – bil-kompitu li tinnegozja mal-Membru konċernat fil-MES, memorandum ta' qbil ("MoU") li jispeċifika f'dettal il-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja. Il-kontenut tal-MoU għandu jirrifletti s-severità tad-dgħufijiet li għandhom jiġu indirizzati u l-forma magħżula tal-assistenza finanzjarja. Fl-istess waqt, id-Direttur Maniġerjali tal-MES għandu jħejji proposta għal ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, inklużi l-pattijiet finanzjarji u l-kondizzjonijiet u l-għażla ta' strumenti, li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-MoU għandu jkun għalkollox konsistenti mal-miżuri ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika previsti fit-TFUE, partikolarment ma' kull att fil-liġi tal-Unjoni Ewropea, inkluża kull opinjoni, twissija, rakkomandazzjoni jew deċiżjoni indirizzata lill-Membru fil-MES konċernat.

4. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiffirma l-MoU f'isem il-MES, soġġett għall-konformità minn qabel tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 u l-approvazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu japprova l-ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja li jkun jispeċifika f'dettal l-aspetti finanzjarji tas-sostenn għall-istabbiltà li għandu jingħata u, fejn applikabbli, il-ħlas tal-ewwel parti tal-assistenza.

6. Il-MES għandu jistabbilixxi sistema ta' twissija adatta biex jiżgura li jirċievi f'waqtu kwalunkwe ħlas lura dovut mill-Membru fil-MES taħt is-sostenn għall-istabbiltà.

7. Il-Kummissjoni Ewropea – f'koordinazzjoni mal-BĊE u, kull fejn possibbli, flimkien mal-FMI – għandha tkun inkarigata timmonitorja l-konformità mal-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja.

## ARTIKOLU 14

### Assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja prekawzjonarja fil-forma ta' linja ta' kreditu kondizzjonata prekawzjonarja jew fil-forma ta' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet rinforzati skont l-Artikolu 12(1).
2. Il-kondizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES għandha tkun dettaljata fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).
3. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji tal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES għandhom ikunu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES.
5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7), jekk għandhiex tinżamm il-linja ta' kreditu.
6. Wara li Membru fil-MES ikun ġibed fondi għall-ewwel darba (permezz ta' self jew xiri f'suq primarju), il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku, fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u abbażi ta' stima mmexxija mill-Kummissjoni Ewropea, f'koordinazzjoni mal-BĊE, jekk il-linja ta' kreditu tibqax adegwata jew jekk hijiex meħtieġa forma oħra ta' assistenza finanzjarja.

## ARTIKOLU 15

Assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Membru fil-MES

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja permezz ta' self lil Membru fil-MES għall-għan speċifiku tar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarja f'dak il-Membru fil-MES.

2. Il-kondizzjonalità marbuta mal-assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Membru fil-MES għandha tkun dettaljata fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).
3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji tal-assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Membru fil-MES għandhom ikunu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.
4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Membru fil-MES.
5. Fejn applikabbli, il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7) dwar l-iżborż tas-segmenti tal-assistenza finanzjarja sussegwentement għall-ewwel segment.



## ARTIKOLU 16

### Self mill-MES

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja fil-forma ta' self lil Membru fil-MES, skont l-Artikolu 12.
2. Il-kondizzjonalità marbuta ma' self mill-MES għandha tkun fi programm ta' aġġustament makroekonomiku mogħti f' dettal fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).
3. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji ta' kull self mill-MES għandhom jiġu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.
4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni ta' self mill-MES.
5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7) dwar l-iżborż tas-segmenti tal-assistenza finanzjarja sussegwentement għall-ewwel segment.

## ARTIKOLU 17

### Faċilità ta' sostenn fis-suq primarju

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħmel arranġamenti għax-xiri ta' *bonds* ta' Membru fil-MES fis-suq primarju, skont l-Artikolu 12 u bl-għan li jkabbar kemm jista' jkun l-effiċjenza, fir-rigward tal-kostijiet, tal-assistenza finanzjarja.
2. Il-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' sostenn fis-suq primarju għandha tkun dettaljata fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).
3. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji li taħthom isir ix-xiri ta' *bonds* għandhom jiġu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.
4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-faċilità ta' sostenn fis-suq primarju.
5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7) dwar l-iżborż tal-assistenza finanzjarja lil Stat Membru benefiċjarju permezz ta' operazzjonijiet fis-suq primarju.

## ARTIKOLU 18

### Faċilità ta' sostenn fis-suq sekondarju

1. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħmel arranġamenti għal operazzjonijiet fis-suq sekondarju relattivament għall-*bonds* ta' Membru fil-MES skont l-Artikolu 12(1).
2. Id-deċizzjonijiet dwar interventi fis-suq sekondarju sabiex jiġi indirizzat il-kontaġju għandhom jittieħdu abbażi ta' analiżi tal-BĊE li tagħraf l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali tas-suq finanzjarju u ta' riskji għall-istabbiltà finanzjarja.
3. Il-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' sostenn fis-suq sekondarju għandha tkun dettaljata fl-MoU, skont l-Artikolu 13(3).
4. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji li taħthom għandhom isiru l-operazzjonijiet fis-suq sekondarju għandhom jiġu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, li għandu jiġi ffirmit mid-Direttur Maniġerjali.
5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-faċilità ta' sostenn fis-suq sekondarju.
6. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi, bi qbil reċiproku, fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali, dwar il-bidu ta' operazzjonijiet fis-suq sekondarju.

## ARTIKOLU 19

### Reviżjoni tal-lista ta' strumenti ta' assistenza finanzjarja

Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jirriveđi l-lista ta' strumenti ta' assistenza finanzjarja previsti fl-Artikoli 14 sa 18 u jiddeċiedi li jagħmlilha bidliet.

## ARTIKOLU 20

### Il-politika tal-ipprezzar

1. Meta jagħti sostenn għall-istabbiltà, il-MES għandu jimmira sabiex ikopri kompletament il-kostijiet tal-iffinanzjar u tal-operazzjonijiet u għandu jinkludi marġni adegwat.
2. Għall-istrumenti kollha tal-assistenza finanzjarja, l-ipprezzar għandu jiġi dettaljat f'linja gwida dwar l-ipprezzar, li għandha tiġi adottata mill-Bord tal-Gvernaturi.
3. Il-politika tal-ipprezzar tista' tiġi riveduta mill-Bord tal-Gvernaturi.

## ARTIKOLU 21

### Operazzjonijiet ta' teħid ta' self

1. Il-MES b'dan jingħata s-setgħa li jissellef fis-swieq kapitali minn banek, istituzzjonijiet finanzjarji jew persuni jew istituzzjonijiet oħra biex iwettaq l-għan tiegħu.
2. Il-modalitajiet tal-operazzjonijiet tat-teħid tas-self għandhom jiġu determinati mid-Direttur Maniġerjali, skont il-linji gwida dettaljati li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.
3. Il-MES għandu juża strumenti adatti għall-immaniġġar tar-riskju, li għandhom jiġu riveduti regolarmet mill-Bord tad-Diretturi.

## KAPITOLU 5

### AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA

#### ARTIKOLU 22

##### Politika ta' investment

1. Id-Direttur Maniġerjali għandu jimplimenta politika prudenti ta' investment għall-MES, sabiex jiżgura l-ogħla affidabbiltà kreditizja tiegħu, skont il-linji gwida li għandhom jiġu adottati u riveduti regolament mill-Bord tad-Diretturi. Il-MES ikun intitolat juża parti mir-redditu mill-portafoll tiegħu ta' investimenti biex ikopri l-kostijiet operattivi u amministrattivi.
2. L-operazzjonijiet tal-MES għandhom jikkonformaw mal-prinċipji tal-amministrazzjoni finanzjarja tajba u tal-immaniġġar tajjeb tar-riskju.

## ARTIKOLU 23

### Il-politika dwar id-dividendi

1. Il-Bord tad-Diretturi jista' jiddeċiedi, permezz ta' maġġoranza sempliċi, li jqassam dividend lill-Membri fil-MES fejn l-ammont tal-kapital imħallas u l-fond ta' riżerva jeċċedu l-livell meħtieġ mill-MES biex iżomm il-kapaċità tiegħu tal-ġħoti ta' self u fejn ir-rikavat mill-investment ma jkunx meħtieġ biex tiġi evitata l-inadempjenza fil-ħlas lill-kredituri. Id-dividendi jitqassmu *pro rata* skont il-kontribuzzjonijiet fil-kapital imħallas, b'kont meħud tal-aċċelerament possibbli msemmi fl-Artikolu 41(3).
2. Sakemm il-MES ma jkunx ipprovda assistenza finanzjarja lil xi wieħed mill-membri tiegħu, ir-rikavat mill-investment tal-kapital imħallas tal-MES għandu jiġi ritornat lill-Membri fil-MES skont il-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom fil-kapital imħallas, wara li jitnaqqsu l-kostijiet operattivi, sakemm il-kapaċità effettiva mmirata ta' ġħoti ta' self tkun għalkollox disponibbli.
3. Id-Direttur Maniġerjali għandu jimplementa l-politika dwar id-dividendi għall-MES skont il-linji gwida li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.

## ARTIKOLU 24

### Fondi ta' riżerva u fondi oħra

1. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jistabbilixxi fond ta' riżerva u, fejn ikun il-każ, fondi oħra.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, l-introjtu nett iġġenerat mill-operazzjonijiet tal-MES u r-rikavat mis-sanzjonijiet finanzjarji riċevuti mill-Membri fil-MES taħt il-proċedura ta' sorveljanza multilaterali, il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi stabbiliti taħt it-TFUE għandhom jitwarrbu f'fond ta' riżerva.
3. Ir-riżorsi tal-fond ta' riżerva għandhom jiġu investiti skont il-linji gwida li għandhom jiġu adottati mill-Bord tad-Diretturi.
4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta dawk ir-regoli li jistgħu jkunu meħtieġa għall-istabbiliment, amministrazzjoni u użu ta' fondi oħra.



## ARTIKOLU 25

### Il-kopertura tat-telf

1. It-telf li jirriżulta mill-operazzjonijiet tal-MES għandu jiġi addebitat:
  - (a) l-ewwel, lill-fond ta' riżerva;
  - (b) it-tieni, lill-kapital imħallas; u
  - (c) fl-aħħarnett, lil ammont xieraq ta' kapital awtorizzat mhux imħallas, li għandu jiġi rikjamat skont l-Artikolu 9(3).
  
2. Jekk Membru fil-MES jonqos milli jagħmel il-ħlas meħtieġ skont l-eżerċitar tal-kapital magħmul skont l-Artikolu 9(2) jew (3), għandu jsir eżerċizzju rivedut u miżjud ta' kapital fir-rigward tal-Membri kollha fil-MES bil-għan li jiġi żgurat li l-MES jirċievi l-ammont totali tal-kapital imħallas li jkun meħtieġ. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi dwar strateġija xierqa ta' azzjoni biex jiżgura li l-Membru konċernat fil-MES isalda d-dejn tiegħu mal-MES f'perijodu raġonevoli ta' żmien. Il-Bord tal-Gvernaturi jkollu d-dritt li jesiġi l-ħlas ta' imgħax ta' inadempjenza fuq l-arretrati.
  
3. Meta Membru fil-MES isalda d-dejn tiegħu mal-MES, kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-kapital żejjed għandu jiġi ritornat lill-Membri l-oħra fil-MES skont regoli li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.

## ARTIKOLU 26

### Il-baġit

Il-Bord tad-Diretturi għandu japprova kull sena l-baġit tal-MES.

## ARTIKOLU 27

### Kontabbiltà annwali

1. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu japprova l-kontijiet annwali tal-MES.
2. Il-MES għandu jippubblika rapport annwali li jinkludi rapport verifikat tal-kontijiet tiegħu u għandu jiċċirkola lill-Membri fil-MES rapport sommarju trimestrali dwar il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu u rapport ta' profitt u telf li juru r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu.

## ARTIKOLU 28

### Verifika interna

Għandha tiġi stabbilita funzjoni ta' verifika interna skont *standards* internazzjonali.

## ARTIKOLU 29

### Verifika esterna

Il-kontijiet tal-MES għandhom jiġu verifikati minn awdituri indipendenti esterni approvati mill-Bord tal-Gvernaturi u responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tar-rapporti finanzjarji annwali. L-awdituri esterni għandhom ikollhom setgħa sħiħa sabiex jeżaminaw il-kotba u l-kontijiet kollha tal-MES u jiksbu informazzjoni kompleta dwar it-transazzjonijiet tiegħu.

## ARTIKOLU 30

### Il-Bord tal-Awdituri

1. Il-Bord tal-Awdituri għandu jikkonsisti minn ħames membri maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi għall-kompetenza tagħhom f'oqsma ta' verifika u ta' finanzi u għandu jinkludi żewġ membri mill-istituzzjonijiet supremi tal-verifika tal-membri fil-MES – b'rotazzjoni bejn dawn tal-aħħar – u wieħed mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

2. Il-Membri tal-Bord tal-Awdituri għandhom ikunu indipendenti. La għandhom ifittxu u lanqas jieħdu istruzzjonijiet mill-korpi governattivi tal-MES, mill-Membri fil-MES jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.
3. Il-Bord tal-Awdituri għandu jfassal verifiki indipendenti. Għandu jispezzjona l-kontijiet tal-MES u jivverifika li l-kontijiet operattivi u l-karta tal-bilanċ ikunu korretti. Għandu jkollu aċċess sħiħ għal kwalunkwe dokument tal-MES meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kompiti tiegħu.
4. Il-Bord tal-Awdituri jista' jinforma lill-Bord tad-Diretturi f'kull waqt dwar il-konklużjonijiet tiegħu. Fuq bażi annwali, għandu jfassal rapport li għandu jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi.
5. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jagħmel ir-rapport annwali aċċessibbli lill-Parlamenti nazzjonali u lill-istituzzjonijiet supermi tal-verifika tal-Membri tal-MES u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.
6. Kull materja relatata ma' dan l-Artikolu għandha tkun dettaljata fir-regolamenti tal-MES.

## KAPITOLU 6

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### ARTIKOLU 31

##### Sede

1. Il-MES għandu jkollu s-sede u l-uffiċċju prinċipali tiegħu fil-Lussemburgu.
2. Il-MES jista' jistabbilixxi uffiċċju ta' kollegament fi Brussell.

#### ARTIKOLU 32

##### Status ġuridiku, privileġġi u immunitajiet

1. Sabiex il-MES iwettaq l-għan tiegħu, l-istatus ġuridiku u l-privileġġi u immunitajiet stipulati f'dan l-Artikolu għandhom jingħataw lill-MES fit-territorju ta' kull Membru fil-MES. Il-MES għandu jfittex li jikseb rikonoxximent tal-istatus ġuridiku tiegħu u tal-privileġġi u immunitajiet tiegħu f'territorji oħrajn fejn ikun iwettaq funzjonijiet jew jipposjedi assi.

2. Il-MES għandu jkollu personalità ġuridika sħiħa; għandu jkollu kapaċità ġuridika sħiħa li:
  - (a) jakkwista u jiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli;
  - (b) jagħmel kuntratti;
  - (c) ikun parti fi proċedimenti legali; u
  - (d) jidħol fi ftehim dwar kwartieri ġenerali u/jew fi protokollu kif ikun meħtieġ biex jiżgura li l-istatus ġuridiku tiegħu u l-privileġġi u immunitajiet tiegħu ikunu rikonoxxuti u infurzati.
  
3. Il-MES, il-proprjetà, il-finanzjament u l-assi tiegħu, irrispettivament minn fejn ikunu u minn min ikollu l-pussess tagħhom, għandhom ikollhom immunità minn kull forma ta' proċess ġudizzjarju għajr safejn il-MES espressament jirrinunzja għall-immunità tiegħu għall-fini ta' kwalunkwe proċediment jew skont it-termini ta' kwalunkwe kuntratt, inkluża d-dokumentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament.
  
4. Il-proprjetà, il-finanzjament u l-assi tal-MES għandhom ikollhom, irrispettivament minn fejn ikunu u minn min ikollu l-pussess tagħhom, immunità mit-tfittxija, mir-rekwiżizzjoni, mill-konfiska, mill-esproprijazzjoni jew minn kwalunkwe forma oħra ta' qbid, teħid jew *foreclosure* b'azzjoni eżekuttiva, ġudizzjarja, amministrattiva jew leġiżlattiva.
  
5. L-arkivji tal-MES u d-dokumenti kollha li jappartjenu lill-MES jew li jkunu fil-pussess tiegħu, għandhom ikunu invjolabbli.

6. Il-binjiet, u l-pertinenzi tagħhom, tal-MES għandhom ikunu invjolaabli.
7. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali tal-MES għandhom jingħataw minn kull Membru fil-MES u minn kull Stat li jkun irrikonoxxa l-istatus ġuridiku u l-privileġġi u immunitajiet tal-MES, l-istess trattament li jingħataw lill-komunikazzjonijiet uffiċjali ta' Stat li jkun Membru fil-MES.
8. Safejn ikun meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet previsti f'dan it-Trattat, il-proprjetà, finanzjament u assi kollha tal-MES għandhom ikunu ħielsa minn restrizzjonijiet, regolamenti, kontrolli u moratorji ta' kull xorta.
9. Il-MES għandu jiġi eżentat minn kull rekwiżit sabiex jiġi awtorizzat jew liċenzjat bħala istituzzjoni ta' kreditu, fornitur tas-servizzi ta' investiment jew bħala kwalunkwe entità, liċenzjata jew regolata, awtorizzata oħra taħt il-liġijiet ta' kull Membru fil-MES.

## ARTIKOLU 33

### Il-persunal tal-MES

Il-Bord tad-Diretturi għandu jstipula l-kondizzjonijiet ta' impjeg tad-Direttur Maniġerjali u tal-persunal l-ieħor tal-MES.

## ARTIKOLU 34

### Segretezza professjonali

Il-Membri jew Membri preċedenti tal-Bord tal-Gvernaturi u tal-Bord tad-Diretturi u kull persuna oħra li taħdem jew li tkun ħadmet għall-MES jew b'konnessjoni mal-MES ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni li tkun soġġetta għas-segretezza professjonali. Għandu jkun meħtieġ minnhom, ukoll wara li jintemmu l-inkarigi tagħhom, li ma jiżvelawx informazzjoni tat-tip kopert bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

## ARTIKOLU 35

### Immunità ta' persuni

1. Fl-interess tal-MES, il-President tal-Bord tal-Gvernaturi, il-Gvernaturi, is-sostituti Gvernaturi, id-Diretturi, is-sostituti Diretturi, kif ukoll id-Direttur Maniġerjali u l-membri l-oħra tal-persunal għandhom ikollhom immunità minn proċedimenti legali fir-rigward tal-atti mwettqa minnhom fil-kapaċità uffiċjali tagħhom u għandhom igawdu minn invjolabbiltà fir-rigward tal-karti u d-dokumenti uffiċjali tagħhom.



2. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jirrinunzja safejn u taħt dawk il-kondizzjonijiet li huwa jiddetermina għal kwalunkwe immunità konferita taħt dan l-Artikolu fir-rigward tal-President tal-Bord tal-Gvernaturi, ta' Gvernatur, ta' sostitut Gvernatur, ta' Direttur, ta' sostitut Direttur jew tad-Direttur Maniġerjali.
3. Id-Direttur Maniġerjali jista' jirrinunzja għal kwalunkwe immunità bħal dik fir-rigward ta' kwalunkwe membru tal-persunal tal-MES għajr tiegħu nnifsu.
4. Kull Membru fil-MES għandu jieħu minnufih l-azzjoni meħtieġa għall-finijiet li jagħti effett lil dan l-Artikolu taħt it-termini tal-liġi tiegħu stess u għandu jinforma lill-MES b'dan.

## ARTIKOLU 36

### Eżenzjoni mit-taxxa

1. Fl-ambitu tal-attivitajiet uffiċjali tiegħu, il-MES, l-assi, l-introjtu, il-proprjetà u l-operazzjonijiet u t-tranżazzjonijiet tiegħu awtorizzati b'dan it-Trattat għandhom ikunu eżenti minn kull taxxa diretta.
2. Il-Membri fil-MES għandhom, kull fejn ikun possibbli, jieħdu l-miżuri adegwati biex jagħtu lura jew jirrimborżaw l-ammont ta' taxxi indiretti jew taxxi fuq il-bejgħ inklużi fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli fejn il-MES jagħmel, għall-użu uffiċjali tiegħu, akkwisti sostanzjali, li l-prezz tagħhom ikun jinkludi taxxi ta' din ix-xorta.

3. L-ebda eżenzjoni ma għandha tingħata fir-rigward ta' taxxi u debiti li jkunu biss imposti għal servizzi ta' utilità pubblika.
4. L-oġġetti importati mill-MES u meħtieġa għall-eżerċizzju tal-attivitajiet uffiċjali tiegħu għandhom ikunu eżenti minn kull dazju u taxxa tal-importazzjoni u minn kull projbizzjoni u restrizzjoni tal-importazzjoni.
5. Il-persunal tal-MES għandu jkun soġġett għal taxxa interna għall-benefiċċju tal-MES fuq is-salarji u emolumenti mħallsa mill-MES, soġġett għar-regoli li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi. Mid-data li fiha tiġi applikata din it-taxxa, dawk is-salarji u emolumenti għandhom ikunu eżenti mit-taxxa nazzjonali fuq l-introjt.
6. Ma għandha tiġi imposta ebda taxxa ta' ebda tip fuq xi obbligu jew titolu maħruġ mill-MES, inkluż kull imgħax jew dividend fuqhom irrispettivament mid-detentur tagħhom:
  - (a) li tiddiskrimina kontra tali obbligu jew titolu purament minħabba l-oriġini tiegħu; jew
  - (b) jekk l-unika bażi ġurisdizzjonali għal tali taxxa tkun il-post jew il-valuta li fihom tkun adottata, saret pagabbli jew tħallset, jew il-lokalità ta' xi uffiċċju jew post tan-negozju li l-MES ikollu.

## ARTIKOLU 37

### Interpretazzjoni u rizzoluzzjoni ta' disputi

1. Kull kwistjoni ta' interpretazzjoni jew applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat u tar-regolamenti tal-MES li tqum bejn kwalunkwe Membru fil-MES u l-MES, jew fost il-Membri fil-MES, għandha titressaq quddiem il-Bord tad-Diretturi għad-deċiżjoni tiegħu.
2. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi dwar kull disputa li tqum bejn Membru fil-MES u l-MES, jew fost il-Membri fil-MES, marbuta mal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat, inkluża kull disputa dwar il-kompatibbiltà tad-deċiżjonijiet adottati mill-MES ma' dan it-Trattat. Il-voti tal-membri jew membri tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Membru jew Membri konċernati fil-MES għandhom ikunu sospiżi meta l-Bord tal-Gvernaturi jivvota dwar tali deċiżjoni u l-livell limitu meħtieġ ta' voti għall-adozzjoni ta' dik id-d-deċiżjoni għandu jiġi kkalkulat mill-ġdid skont il-każ.
3. Jekk Membru fil-MES jikkontesta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2, id-disputa għandha titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun vinkolanti fuq il-partijiet kollha fil-proċedura, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mas-sentenza f'perijodu li għandu jiġi deċiż minn dik il-Qorti.

## ARTIKOLU 38

### Kooperazzjoni internazzjonali

Il-MES għandu d-dritt, sabiex iwettaq l-għanijiet tiegħu, li jikkoopera, fil-kuntest tal-pattijiet ta' dan it-Trattat, mal-FMI, ma' kwalunkwe Stat li jipprovdi assistenza finanzjarja lil xi Membru fil-MES fuq bażi *ad hoc* u ma' kull organizzazzjoni jew entità internazzjonali li jkollha responsabilitajiet speċjalizzati f'oqsma relatati.

## KAPITOLU 7

### ARRANĠAMENTI TRANŻIZZJONALI

## ARTIKOLU 39

### Relazzjoni mas-self tal-FESF

Matul il-fażi tranżizzjonali li tkopri l-perijodu mid-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat sal-eżawriment totali tal-FESF, l-għoti ta' self konsolidat mill-MES u l-FESF ma għandux jeċċedi EUR 500 000 miljun, mingħajr preġudizzju għar-reviżjoni regolari tal-adegwatezza tal-volum massimu tal-għoti ta' self skont l-Artikolu 10. Il-Bord tad-Direttur għandu jadotta linji gwida dettaljati dwar il-kalkolu tal-kapaċità ta' impenn bil-quddiem biex jiżgura li l-limitu massimu konsolidat tal-għoti ta' self ma jinqabiżx.

## ARTIKOLU 40

### Trasferiment ta' sostenn mill-FESF

1. B' deroga mill-Artikolu 13, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li l-impenji tal-FESF li jipprovdi assistenza finanzjarja lil xi Membru fil-MES taħt il-ftehim tiegħu ma' dak il-membru għandu jidħol għalihom il-MES safejn dawn l-impenji jkunu relatati mal-partijiet mhux imħallsa u mhux finanzjati tal-faċilitajiet ta' self.
2. Il-MES jista', jekk ikun awtorizzat mill-Bord tal-Gvernaturi tiegħu, jakkwista d-drittijiet u jidħol għall-obbligi tal-FESF, partikolarment fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi pendenti tiegħu kollha jew ta' parti minnhom taħt il-faċilitajiet eżistenti tagħha ta' self u ta' dawk marbutin magħhom.
3. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jadotta l-modalitajiet dettaljati meħtieġa biex jagħti effett lit-trasferiment tal-obbligi mill-FESF lill-MES, kif imsemmi fil-paragrafu 1, u kwalunkwe trasferiment ta' drittijiet u obbligi kif deskritt fil-paragrafu 2.

## ARTIKOLU 41

### Il-ħlas tal-kapital inizjali

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-ħlas tal-ishma mħallsa tal-ammont inizjalment sottoskritt minn kull Membru fil-MES għandu jsir f'ħames pagamenti parzjali annwali ta' 20 % kull wieħed mill-ammont totali. L-ewwel pagament parzjali għandu jitħallas minn kull Membru fil-MES fi żmien ħmistax-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat. L-erba' pagamenti parzjali li jifdal għandhom jitħallsu individwalment fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' anniversarji tad-data tal-ħlas tal-ewwel pagament parzjali.
2. Matul il-perijodu ta' ħames snin ta' ħlas kapitali permezz ta' pagamenti parzjali, il-Membri fil-MES għandhom jaċċeleraw il-ħlas tal-ishma mħallsa , b'mod f'waqtu qabel id-data tal-emissjoni, sabiex jinżamm proporzjon minimu ta' 15 % bejn il-kapital imħallas u l-ammont pendent tal-emissjonijiet tal-MES u jiggarrantixxu kapaċità kombinata minima ta' għoti ta' self mill-MES u mill-FESF ta' EUR 500 000 miljun.
3. Membru tal-MES jista' jiddeċiedi li jaċċelera l-ħlas tas-sehem tiegħu ta' kapital imħallas.

## ARTIKOLU 42

### Korrezzjoni temporanja tal-kjavi ta' kontribuzzjoni

1. Fil-bidunett, il-Membri fil-MES għandhom jissottoskrivu l-istokk ta' kapital awtorizzat abbażi tal-kjavi ta' kontribuzzjoni inizjali kif speċifikat fl-Anness I. Il-korrezzjoni temporanja inkluża f'din il-kjavi inizjali ta' kontribuzzjoni għandha tapplika għal perijodu ta' tmax-il sena wara d-data tal-adozzjoni tal-euro mill-Membru konċernat fil-MES.

2. Jekk il-prodott domestiku gross (PDG) ta' Membru ġdid fil-MES, *per capita* bil-prezzijiet tas-suq feuro fis-sena li tippreċedi immedjatament l-adeżjoni tiegħu mal-MES, ikun anqas minn 75 % tal-PDG medju tal-Unjoni Ewropea *per capita* bil-prezzijiet tas-suq, konsegwentement il-kjavi ta' kontribuzzjoni tiegħu għas-sottoskrizzjoni tal-istokk ta' kapital awtorizzat tal-MES, stabbilit skont l-Artikolu 10, għandha tibbenefika minn korrezzjoni temporanja u ssir ugwali għas-somma ta':

- a) 25 % tas-sehem perċentwal fil-kapital tal-BĊE tal-bank ċentrali nazzjonali ta' dak il-Membru fil-MES, stabbilit skont l-Artikolu 29 tal-Istatuti tas-SEBĊ; u
- b) 75 % tas-sehem perċentwal ta' dak il-Membru fil-MES fl-introjt nazzjonali gross (ING) taż-żona tal-euro bil-prezzijiet tas-suq feuro fis-sena li tippreċedi immedjatament l-adeżjoni tiegħu mal-MES.

Il-perċentwali msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jiġu arrotondati 'l fuq jew 'l isfel għall-eqreb multiplu ta' 0,0001 punti perċentwali. It-termini statistiċi għandhom ikunu dawk pubblikati mill-Eurostat.

3. Il-korrezzjoni temporanja msemmija fil-paragrafu 2 għandha tapplika għal perijodu ta' tnaqqas il sena mid-data tal-adozzjoni tal-euro mill-Membru konċernat fil-MES.

4. Bħala riżultat tal-korrezzjoni temporanja tal-kjavi, il-proporzjon rilevanti tal-ishma allokat lil Membru fil-MES taħt il-paragrafu 2 għandu jiġi allokat mill-ġdid fost il-Membri fil-MES li ma jibbenefikawx minn korrezzjoni temporanja abbażi tal-parteċipazzjoni azzjonarja tagħhom fil-BĊE, stabbiliti skont l-Artikolu 29 tal-Istatuti tas-SEBĊ, li jkunu jeżistu immedjatament qabel l-emissjoni tal-ishma lill-Membru li jkun qed jaderixxi mal-MES.

#### ARTIKOLU 43

##### L-ewwel ħatriet

1. Kull Membru fil-MES għandu jinnomina lill-Gvernatur u s-sostitut Gvernatur tiegħu fi żmien ġimgħatejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jaħtar lid-Direttur Maniġerjali u kull Gvernatur għandu jaħtar Direttur u sostitut Direttur fi żmien xharejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat.



## KAPITOLU 8

### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

#### ARTIKOLU 44

##### Adeżjoni

Dan it-Trattat għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni ta' Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 2 mal-applikazzjoni għall-adeżjoni li kull tali Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandu jirreġistra mal-MES wara li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadotta d-deċiżjoni biex itemm id-deroga tiegħu milli jadotta l-euro skont l-Artikolu 140(2) tat-TFUE. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu japprova l-applikazzjoni għall-adeżjoni tal-Membru l-ġdid fil-MES u l-pattijiet tekniċi dettaljati relatati magħha, kif ukoll l-adattamenti li jkollhom isiru f'dan it-Trattat b'konsegwenza diretta tal-adeżjoni. Wara l-approvazzjoni mill-Bord tal-Gvernaturi tal-applikazzjoni għas-sħubija, il-Membri ġodda fil-MES għandhom jaderixxu malli jsir id-depożitu tal-istrumenti tal-adeżjoni mad-Depożitorju, li għandu jinnotifika b'dan lill-Membri l-oħra fil-MES.

## ARTIKOLU 45

### Annessi

L-Annessi ma' dan il-Trattat, li ġejjin, għandhom jikkostitwixxu parti integrali minnu:

- 1) Anness I: Il-kjavi ta' kontribuzzjoni fil-MES; u
- 2) Anness II: Is-sottoskrizzjonijiet tal-istokk ta' kapital awtorizzat.

## ARTIKOLU 46

### Depożitu

Dan it-Trattat għandu jiġi depożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("id-Depożitarju"), li għandu jikkomunika kopji ċertifikati lill-firmatarji kollha.

## ARTIKOLU 47

### Ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni

1. Dan it-Trattat għandu jkun soġġett għar-ratifika, l-approvazzjoni jew l-aċċettazzjoni mill-firmatarji. L-istrumenti ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni għandhom jiġu depożitati mad-Depożitarju.
2. Id-Depożitarju għandu jinnotifika lill-firmatarji l-oħrajn b'kull depożitu u bid-data meta dan isir.

## ARTIKOLU 48

### Dħul fis-seħħ

1. Dan it-Trattat għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-istrumenti ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni jiġu depożitati mill-firmatarji li s-sottoskrizzjonijiet inizjali tagħhom jirrappreżentaw mhux anqas minn 90 % tas-sottoskrizzjonijiet totali kif stipulat fl-Anness II. Fejn ikun il-każ, il-lista tal-Membri fil-MES għandha tiġi aġġustata; il-kjavi fl-Anness I għandha konsegwentement tiġi kalkulata mill-ġdid u l-istokk ta' kapital awtorizzat totali fl-Artikolu 8(1) u fl-Anness II u l-valur nominali aggregat totali inizjali tal-ishma mħallsa fl-Artikolu 8(2) għandhom jitnaqqsu skont il-każ.

2. Għal kull firmatajru li sussegwentement jiddepożita l-istrument tiegħu ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni, dan it-Trattat għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-data tad-depożitu.

3. Għal kull Stat li jaderixxi ma' dan it-Trattat skont l-Artikolu 44, dan it-Trattat għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell fit-tieni jum ta' Frar fis-sena elfejn u tnax f'oriġinali wieħed, bit-testi tiegħu bl-Olandiż, Inġliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Irlandiż, Taljan, Malti, Portugiż, Slovakk, Sloven, Spjanol u Svediż ugwalment awtentiċi, li għandu jiġi ddepożitat fl-arkivji tad-Depożitarju li għandu jibgħat kopja debitament ċertifikata lil kull Parti Kontraenti.

Mal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Latvja, it-test Latvjian isir ugwalment awtentiku, li jiġi ddepożitat fl-arkivji tad-Depożitarju li jittrażmetti kopja debitament iċċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

Mal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Litwanja, it-test Litwan isir ugwalment awtentiku, li jiġi ddepożitat fl-arkivji tad-Depożitarju li jittrażmetti kopja debitament iċċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

Mal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, it-test Kroat isir ugwalment awtentiku, li jiġi ddepożitat fl-arkivji tad-Depożitarju li jittrażmetti kopja debitament iċċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

## Il-kjavi ta' kontribuzzjoni fil-MES

<b>Membru fil-MES</b>	<b>Kjavi tal-MES (%)</b>
Ir-Renju tal-Belġju	3.4250
Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja	26.7402
Ir-Repubblika tal-Estonja	0.2527
L-Irlanda	1.5684
Ir-Repubblika Ellenika	2.7745
Ir-Renju ta' Spanja	11.7256
Ir-Repubblika Franċiża	20.0809
Ir-Repubblika tal-Kroazja	0.5215
Ir-Repubblika Taljana	17.6457
Ir-Repubblika ta' Ċipru	0.1933
Ir-Repubblika tal-Latvja	0.2732
Ir-Repubblika tal-Litwanja	0.4042
Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu	0.2467
Malta	0.0892
Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi	5.6315
Ir-Repubblika tal-Awstrija	2.7418
Ir-Repubblika Portugiża	2.4716
Ir-Repubblika tas-Slovenja	0.4643
Ir-Repubblika Slovakka	0.9791
Ir-Repubblika tal-Finlandja	1.7706
<b>Total</b>	<b>100.0</b>

Iċ-ċifri ta' hawn fuq huma approssimati għal erba' punti deċimali.

## Is-sottoskrizzjonijiet tal-istokk ta' kapital awtorizzat

<b>Membru fil-MES</b>	<b>Għadd ta' ishma</b>	<b>Sottoskrizzjoni kapitali (EUR)</b>
Ir-Renju tal-Belġju	242 662	24 266 200 000
Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja	1 894 528	189 452 800 000
Ir-Repubblika tal-Estonja	17 907	1 790 700 000
L-Irlanda	111 117	11 111 700 000
Ir-Repubblika Ellenika	196 573	19 657 300 000
Ir-Renju ta' Spanja	830 750	83 075 000 000
Ir-Repubblika Franċiża	1 422 720	142 272 000 000
Ir-Repubblika tal-Kroazja	36 950	3 695 000 000
Ir-Repubblika Taljana	1 250 187	125 018 700 000
Ir-Repubblika ta' Ċipru	13 696	1 369 600 000
Ir-Repubblika tal-Latvja	19 353	1 935 300 000
Ir-Repubblika tal-Litwanja	28 634	2 863 400 000
Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu	17 477	1 747 700 000
Malta	6 323	632 300 000
Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi	398 988	39 898 800 000
Ir-Repubblika tal-Awstrija	194 252	19 425 200 000
Ir-Repubblika Portugiża	175 114	17 511 400 000
Ir-Repubblika tas-Slovenja	32 894	3 289 400 000
Ir-Repubblika Slovakka	69 369	6 936 900 000
Ir-Repubblika tal-Finlandja	125 443	12 544 300 000
<b>Total</b>	<b>7 084 937</b>	<b>708 493 700 000</b>